MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 529/1999/1

**Antoine VASSALLO li jiġġestixxi d-ditta "*Antoine Auto Dealer*"**

**vs**

**Carmel u Carmen konjuġi AZZOPARDI**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq taħt il-proċedura sommarja speċjali fit-3 ta' Marzu, 1999, li bih l-attur ippremetta;

Illi l-konvenuti jinsabu debituri tal-attur fis-somma ta' elf, erba' mija u tnejn u ħamsin Lira Maltija u tnejn u għoxrin ċenteżmu (Lm1,452.22) rappreżentanti l-import ta' ħdax-il kambjala skaduti u dovuti;

Illi nonstante li ġew interpellati biex iħallsu dan l-ammont minnhom dovut, il-konvenuti baqgħu inadempjenti mingħajr ebda raġuni valida fil-Liġi;

Illi d-debitu tal-konvenuti versu l-attur huwa ċert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-attur il-konvenuti m'għandhom ebda eċċezzjonijiet validi x'jagħtu għat-talba attriċi għall-ħlas tas-somma dovuta;

Illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mill-Liġi a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili sabiex din l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeċiedi t-talba attriċi bi proċedura speċjali sommarja;

Għaldaqstant, l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tisma' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-artikoli 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri tal-attur fis-somma ta' elf, erba' mija u tnejn u ħamsin Lira Maltija u tnejn u għoxrin ċenteżmu (Lm1,452.22) rappreżentanti l-import ta' ħdax-il kambjala skaduti u dovuti; u

3. Tikkundanna lill-konvenuti biex iħallsu lill-attur l-imsemmija somma ta' elf, erba' mija u tnejn u ħamsin Lira Maltija u tnejn u għoxrin ċenteżmu (Lm1,452.22)

Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru /99 u tal-ittri interpellatorji għall-ħlas u bl-imgħax legali mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-26 ta' Marzu, 1999, li bih tat lill-imħarrkin il-fakulta' li jikkontestaw il-kawża u li jressqu Nota tal-Eċċezzjonijiet għat-talbiet attriċi;

Rat in-Nota mressqa fid-9 t'April, 1999, li biha l-imħarrkin miżżewġin Azzopardi eċċepew;

1. Illi l-azzjoni odjerna hija irritwali u nulla stante illi l-kambjali, bħala element essenzjali ta' l-azzjoni kambjarja, ma ġewx annessi maċ-ċitazzjoni attriċi;

2. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, ebda kambjala ma ġiet protestata mill-pussessur tagħha u għalhekk l-azzjoni hija insostenibbli;

3. Illi fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li kwalunkwe pretensjoni ta' l-attur ġiet saldata;

4. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrkin;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-10 ta' Novembru, 1999[1], li bih ordnat li ssir it-trattazzjoni tat-tieni eċċezzjoni mqanqla mill-imħarrkin miżżewġin Azzopardi;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tas-16 t'Ottubru, 2003[2], li bih tat lill-partijiet il-fakulta' li jressqu sottomissjonijiet b'Nota dwar it-tieni eċċezzjoni tal-imħarrkin, liema żmien ġie mtawwal fuq talba tal-avukat tal-imħarrkin waqt is-smigħ tat-3 ta' Diċembru, 2003;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Frar, 2004, li bih ħassret id-degriet tagħha fuq imsemmi *contrario imperio*, wara li l-imħarrkin għal darb'oħra naqsu milli jressqu n-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-imħarrkin dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

[1] Paġ. 22 tal-proċess
[2] Paġ. 71 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha tad-29 t'April, 2004, tal-14 t'Ottubru, 2004, u tal-25 ta' Novembru, 2004, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar it-tieni eċċezzjoni tal-imħarrkin miżżewġin Azzopardi;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni kambjarja. L-attur qiegħed ifittex lill-imħarrkin għall-ħlas tal-import ta' ħdax-il (11) kambjala maħruġin minnu u aċċettati minnhom, liema kambjali immaturaw imma baqgħu ma tħallsux;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi qalu li l-azzjoni attriċi ma tiswiex għaliex il-kambjali ma ġewx esebiti mal-att taċ-Ċitazzjoni; laqgħu wkoll billi qalu li l-azzjoni ma tistax issir għaliex il-kambjali ma ġewx protestati; u, fl-aħħarnett, laqgħu billi qalu li kull pretensjoni tal-attur kienet tħallset;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar it-tieni eċċezzjoni;

Illi l-<u>fatti rilevanti li jirriżultaw mill-atti tal-kawża</u> juru li fit-8 ta' Lulju, 1996, l-attur ħareġ sensiela ta' kambjali għall-valur ta' Lm 132.02 kull waħda[3], liema kambjali ġew aċċettati mill-imħarrkin. Il-kambjali – li ħdax minnhom jiffurmaw il-mertu ta' din il-kawża – kellhom jitħallsu kull xahar b'effett mill-15 ta' Jannar, 1998. L-attur iġġira l-imsemmija kambjali favur bank kummerċjali li ħariġlu "*discounted bill facility*" bi dritt ta' regress[4]. F'Jannar tal-1999[5], l-attur bagħat ittra interpellatorja lill-imħarrkin jitlobhom il-ħlas tal-ħdax-il kambjala msemmija. F'Marzu tal-1999 infetħet il-kawża;

[3] Dokti f'paġġ. 27 sa 37 tal-proċess
[4] Xhieda ta' Joseph Grixti 22.5.2002, f'paġ. 59 tal-proċess
[5] Dok f'paġ. 15 tal-proċess

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-eċċezzjoni taħt eżami jridu jfittxu jekk tistax issir azzjoni kambjarja jekk qabel ma jkunx sar protest mill-possessur fil-konfront tal-aċċettanti dwar il-kambjali li jkunu għalqu. Fit-trattazzjoni, l-argument tressaq fis-sens li, ladarba l-kambjali li jifformaw il-mertu ta' din il-kawża kienu ġew ġirati favur bank u dawn reġgħu għaddew f'idejn l-attur (it-traent) bla ma reġgħet saret ġira, l-azzjoni kif mibdija ma setgħetx issir, ladarba wkoll l-ebda protest kambjarju ma kien sar qabel. Ma hux kontestat li l-ebda protest kambjarju kif imfisser fil-liġi[6] ma sar fuq talba tal-pussessur tal-kambjali fil-konfront tal-imħarrkin Azzopardi;

Illi waqt l-istess trattazzjoni, l-għaref avukat tal-imħarrkin wiegħed li kien sejjer iressaq nota ta' riferenzi biex isaħħaħ l-argument tiegħu, imma tali nota baqgħet ma tressqitx;

Illi l-kwestjoni dwar jekk azzjoni kambjarja tistax tinbeda sewwa qabel ma jkun sar il-protest kambjarju dwar in-nuqqas ta' aċċettazzjoni jew dwar in-nuqqas ta' ħlas (bħalma huwa l-każ preżenti) ta' kambjala m'hijiex waħda ta' dawn l-aħħar żminijiet. Għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna fissru li l-protest kambjarju m'huwiex meħtieġ bħala proċess *sine qua non* meta l-kambjala tibqa' fl-"ambitu" tal-partijiet li oriġinawha. Fil-każ preżenti, għalkemm l-attur kien iġġira l-kambjali favur bank kummerċjali sabiex dan jingħata faċilita' bankarja kontra l-valur (jew parti) tal-istess kambjali, jirriżulta li dik il-ġira kienet kondizzjonata bid-dritt tar-regress. Kemm hu hekk, meta l-kambjali ma tħallsux, il-bank iddebita l-kont tal-attur u bagħat il-kambjali lura lill-istess attur. Fi kliem ieħor, il-Qorti jidhrilha li, għall-finijiet limitati tal-eċċezzjoni taħt eżami, jista' jitqies bħallikieku l-kambjali baqgħu dejjem fil-pussess tal-attur u għalhekk ir-"rabta" bejn l-attur u l-imħarrkin (l-aċċettanti) baqgħet waħda diretta;

Illi dan qiegħed jingħad għaliex ġie stabilit li d-dispożizzjonijiet tal-liġi li jitolbu li jsir il-protest kambjarju meta skadenza ma titħallasx ma tgħoddx għat-traenti, u n-

[6] Artt. 247-8 tal-Kap 13

nuqqas ta’ protest ma jxejjinx id-dritt tal-istess traent kontra l-aċċettant tal-kambjala[7]. Din il-fehma jidher li għadha ssib appoġġ mill-Qrati sal-lum il-ġurnata f’deċiżjonijiet li ngħataw fl-aħħar żminijiet[8], fejn instab li n-nuqqas ta’ tressiq ta’ protest kambjarju ma kienx ta’ xkiel biex titressaq u titmexxa ‘l quddiem azzjoni ġudizzjarja immirata sewwasew għall-kundanna tal-ħlas tal-kambjali. Dan jingħad ukoll minkejja dak li jipprovdu l-artikoli 191 u 192 tal-Kodiċi Kummerċjali;

Illi f’dan il-każ, l-imħarrek stqarr li l-kambjali iffirmahom huwa u martu u aċċettahom, ukoll jekk in-negozju li minħabba fihom inħarġu l-kambjali kien ix-xiri ta’ karozza da parti ta’ ibnu Kenneth. Jirriżulta wkoll li, għall-finijiet tal-eżami ta’ din l-eċċezzjoni, l-attur kien interpella lill-imħarrkin b’ittra interpellatorja xi xahrejn qabel ma nfetħet il-kawża biex iħallsuh sewwasew l-ammont import tal-kambjali mertu tal-kawża. Ir-raġunijiet li minħabba fihom l-imħarrkin ma ħallsux jistgħu jiffurmaw il-mertu tal-kontestazzjoni jew, saħansitra, t-teħid ta’ proċeduri oħrajn, imma mhux is-siwi jew it-tempestivita’ tal-azzjoni mibdija kontrihom, kif trid l-eċċezzjoni taħt eżami;

Għal dawn ir-raġunijiet,il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-imħarrkin miżżewġin Azzopardi** bl-ispejjeż kontra tagħhom u dan billi ma jirriżultax li hija mistħoqqa fid-dritt; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-ġbir tal-provi fil-mertu.

**Moqrija**

[7] Kumm. **30.1.1939** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt vs Bartolo et*** (Kollez. Vol: **XXX.iii.416**)

[8] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **5.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Ocean Way Company Limited vs L’Onda Limited et***

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------